**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 24**

**2 ta' Frar 2021**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 2 ta' Frar 2021, fis-Sala tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier (permezz ta' Video Conferencing)
Daniel Ablett – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier (permezz ta' Video Conferencing)
Martina Grech – Kunsillier (permezz ta' Video Conferencing)
Abigail Sammut - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**
George Muscat – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippresjeda l-laqgħa.

## 2.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku

**2.1.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li tkellem mal-Kumpanija DA House li ġiet assenjata r-responsabbilta' sabiex tipprepara kontro-proposta għall-fly-over ippjanata fl-Imrieħel By-Pass. Il-Kunsillier Marvin Zammit ġibed l-attenzjoni li kellu l-impressjoni li l-Kunsill kellu jikkonsulta mal-Perit tal-bdiewa dwar din il-proposta. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li hu tkellem mal-Perit in kwistjoni u ġie nfurmat li hu kullma għamel huwa l-pjanta tad-Denunzja. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkun qed jitkellem mal-Universita' ta' Malta sabiex isir *Social Risk Impact Assessment* taz-zona.

**2.1.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li ġie ppreżentat ir-rapport mill-Perit dwar ix-xogħlijiet li saru fi Triq San Pawl, fejn semma' li mhux sodisfatt b'dan ir-rapport. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento spjega li l-kuntrattur qed jiġri wara l-Kunsill biex jitħallas, għaliex ġaladarba x-xogħol ġie ċċertifikat tajjeb, il-Kunsill m'għandux bażi li jżomm il-pagament. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli semma wkoll x-xogħlijiet li saru fi Triq il-Wied, fejn jidher li qed jinġema' l-ilma qabel ir-rain water culvert. Qamet diskussjoni dwar dan ir-rapport bejn il-membri u ġie maqbul li jerġgħu jikkuntattjaw lill-Perit dwar dawn il-każi.

**2.1.3** **Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat dwar il-problema ta' drenaġġ fi Triq il-Kanun, fejn irriżulta li l-ħsara x'aktarx ġejja mill-privat. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li talbet rapport mingħand il-Perit dwar din il-ħsara. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk din il-ħsara hija ġejja min-naħa tal-privat, l-ispejjeż se jitħallsu mir-resident jew mill-Kunsill, xorta waħda? Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli spjega li wasal iż-żmien li l-Kunsill juri l-awtorita' tiegħu u jekk ħsara tiġi ġġenerata minħabba nuqqasijiet mir-residenti, jittieħdu l-passi meħtieġa, kif tippermetti l-liġi. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kunsill għandu jistenna r-rapport tal-Perit u wara jiddiskuti din il-kwistjoni.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill Lokali se jkun qed jippreżenta applikazzjoni lir-Reġjun Nofsinhar bil-għan li Ħal Qormi tieħu t-titlu ta' Belt Kapitali Ewropea. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-Kunsill jitkellem ma' Storiku Qormi sabiex jaħdem fuq din l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Carmel Cuschieri ppropona li l-Kunsill jaħtar Kumitat mill-membri stess.

## 2.2 Mozzjonijiet

### Mozzjoni Nru 69 mis-Sindku Dr Josef Masini Vento

*Sabiex jissaħħaħ il-Customer Care hemm bżonn li jiġu mgaġġati żewġ persuni li xogħlhom ikun bħala liason officers li jkunu jaħdmu taħt l-istess Customer Care tal-Kunsill u li jkunu jirrapurtaw lill-Kunsill Lokali.*

*Għalhekk qed nipproponi lil Josef Aquilina I.D., 471376M u lil Josef Cilia I.D. 2080G sabiex jingħataw direct order ta' €4,990 kull wieħed, fis-sena.*

*Jibqa' mifthiem li Josef Aquilina u josef Cilia jkunu obbligati li jimxu mal-Kodiċi tal-Etika hekk kif maħruġ mil-Liġi għall-Gvern Lokali.*

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab aktar informazzjoni dwar x'se jkun qed jikkonsisti x-xogħol ta' dawn il-persuni.

**Is-Sindku** spjega li dawn l-uffiċjali se jkunu responsabbli milli jwasslu l-ilmenti u jassistu lil Customer Care billi jwasslu r-rapporti/lmenti tar-residenti.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa jekk dawn il-persuni hux se jkunu qed jagħmlu xogħol ta' *Contract Managers*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan ix-xogħol diġa qed isir minn impjegat assenjat mal-Kunsill.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** ġibdet l-attenzjoni dwar il-fatt li l-Kunsill qed jagħti *direct order* meta l-Kunsill joħroġ sejħa. Il-Viċi Sindku saħqet li jekk hemm xi diffikultajiet fl-operat tal-Kunsill, il-Kunsill jinvesti fi *training* adegwat għall-istess u jiddaħħlu sistemi moderni ta' I.T. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara qalet li l-*Contract Manager* qed jagħmel xogħol tajjeb ħafna u dan jixhduh n-numru ta' *emails* li jintbagħtu lilha mill-istess *Contract Manager*. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara qalet li jkun opportun jekk il-*Contract Manager* jingħata l-għodda meħtieġa sabiex ikompli jwettaq ix-xogħol tajjeb li qed jagħmel.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** qal li jaqbel mal-Viċi Sindku u ġibed l-attenzjoni li r-residenti lil Kunsilliera eleġġew u lilhom se jfittxu. Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li r-residenti għandhom ħafna mezzi kif iressqu l-ilmenti, l-problema li għandna bħalissa hija l-follow-up tal-ilmenti. Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li dawn il-persuni probabbli għandhom impjieg full time u mhux se jkollhom il-ħin li jduru jiġbru l-ilmenti. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li jekk f'każ li l-Kunsill japprova din il-mozzjoni, isir kuntratt ta' 6 xhur.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** qal li jekk dawn il-persuni se jkunu qed iduru fit-toroq, se jkunu qed jagħmlu xogħol ta' Contract Manager.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** qal li dan ix-xogħol jista' jsir bi prova u mingħajr ħlas sabiex il-Kunsill jara jekk hux vijabbli li jsir dan it-tip ta' xogħol. Barra minhekk jekk hemm il-ħtieġa li l-Kunsill ikollu dan it-tip ta' nies, is-servizz jingħata b'sejħa u mhux b'direct order dan sabiex il-Kunsill ikun jista' tagħżel l-aħjar nies.

**Il-Kunsillier Martina Grech** qalet li taqbel mal-Kunsillier Dr Sean Apap Meli u qalet li jekk il-mozzjoni tgħaddi, jkun hemm trail period**.**

**Ivvutaw Favur erba' Kunsilliera (4) preżenti, Tlieta (3) ivvutaw kontra u Tlieta (3) Astensjonijiet.**

**Mozzjoni Nru 70 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento.**

Is-Sindku nfurma li se jkun qed jirtira l-mozzjoni**.**

**Mozzjoni nru 71 mressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

*Peress illi l-bankini ta':*

- *Triq iċ-Ċawsli*
- *Triq Dun Ġino Mangion*
- *Triq tal-Ħlas*
- *Triq San Edwardu (minn Triq San Bartolomew sa Triq il-Ġdida)*

*Huma fi stat diżastruż qed nipproponi sabiex jinbnew mill-ġdid u jiġi kollha livell wieħed.*

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda l-mozzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa jekk dawn hux se jkunu l-unika bankini li se jsiru din is-sena.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ppropona li magħhom tiddaħħal il-bankina ta' Triq il-25 ta' Mejju. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li l-agħar parti hija s-central strip tat-triq imsemmija, filwaqt li ġibed l-attenzjoni dwar l-istat tal-bankini fi Triq id-Drama, Triq il-Ħelsien u Triq il-Kbira (l-bankina tal-lava).

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab emenda għall-mozzjoni sabiex jiddaħħlu dawn l-erba' toroq ukoll.

**Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

**Mozzjoni Nru 72 imressqa mill-Viċi Sindku Donnha Barbara**

Waħda mill-prijoritajiet tagħna bħala Kunsill Lokali hija li noffru ambjent mistħoqq lill-poplu ta' Ħal Qormi. Iktar kmieni f'din il-leġislatura, mozzjoni numru 4/2019 kont tkellimt dwar Kampanja dwar l-Immaniġjar tal-iSkart, u għadaqstant qiegħda niġi quddiemkom sabiex flimkien bħala kunsill naqblu fuq żieda mal-mozzjoni imsemmija.

Bħala l-kunsilliera responsabbli mill-ambjent, ġejt avviċinata minn NGO magħrufa bħala 'Eco French – The French and Maltese Eco-Friendly Platform' sabiex flimkien magħhom inniedu proġett pilota dwar l-Immaniġjar tal-iSkart f'raħalna.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** tat spjega tal-Kampanja Ambjentali. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li jittama li din l-inizzjattiva tkun ta' eżempju għall-kumpaniji oħra li joperaw f'Ħal Qormi, sabiex anke huma jagħtu kontribut lejn is-soċjeta' li jaħdmu fiha.

**Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

**Mozzjoni Nru 73 mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli LL.D (Melit).**

Nipproponi li l-Kunsill japprova l-membri tas-Sotto Kumitati kif indikat hawn taħt;

**Kumitat Affarijiet Socjali**

5 Persuni

**Kumitat Edukazzjoni**

5 Persuni

**Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

**23.6 Budget 2021**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda d-Dokument 'Budget 2021'.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** nfurma li dan id-dokument ġie diskuss waqt laqgħa tal-Kumitat Finanzi u jidher li l-Kunsill se jkun qed imexxi sena finanzjarja oħra tajba.

Il-Kunsill approva *Budget* 2021, b'mod unanimu.

**23.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2021.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa dwar is-servizz tal-GDPR Officer.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2020.

**23.8 Ħwejjeġ Oħra**

23.8.1 Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa x'sar dwar id-dwal tal-Kampnar tal-Knisja ż-Żgħira ta' San Bastjan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-istima għadha ma waslitx.

23.8.2 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa dwar l-antiskid solution fi Triq San Bastjan u Triq San Pietru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qabel jaqleb l-ajru ma jistax isir ix-xogħol.

23.8.3 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma dwar is-sitwazzjoni tal-wiċċ ta' triq ta' Triq il-Wied. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tiġi ppreżentata talba lill-Infrastructure Malta.

23.8.4 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ġibed l-attenzjoni dwar problema tad-drenaġġ fi Triq il-Belt Valletta, li qed jispiċċa ħiereġ fil-korsa tal-ilma fil-wied. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li jista' jagħti l-każ li l-problema ġejja minn Triq il-Belt Valletta.

23.8.5 Il-Viċi Sindku Donnha Barbara nfurmat sabiex isir rapport lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex jinvestigaw minn fejn ħiereġ id-drenaġġ. Barra minhekk infurmat li hemm l-istess problema fi Triq ix-Xitwa. Il-Viċi Sindku qalet li jista' jagħti l-każ li dan id-drenaġġ qed jintrema' mill-privat u hemm jidħlu entitatjiet oħra bħas-Sanita'.

23.8.6 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk ġietx iffissata data għal-laqgħa mal-Awtoritajiet tal-infurzar.

23.8.7 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni dwar vettura sewda mingħajr pjanċi fi Pjazza Federico Maempel.

23.8.8 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk għandhiex tinħareġ stqarrija dwar il-kwistjoni tal-Qniepen tal-Knisja. Il-Kunsill approva li tinħareġ din l-istqarrija.

**23.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 2 ta' Marzu 2021** fis-6.30p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta 2 ta' Marzu 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |